**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 06**

Il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsillera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kuinsiller |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 06.1 Talba

06.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 06.2 Ittri ta' Apoloġija

06.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 06.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

06.3.1 Il-Minuti tal-laqgħat numru 3, 4 u 5 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 06.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

06.4.1 Is-Sindku Daniel Attard informa lill-kunsilliera li meta kien imsiefer iċ-Ċina kellu laqgħa mal-*Foreign Ministry* ta' Jiang Su u qal li huma nteressati li jkun hemm xi forma ta' ġemellaġġ mar-raħal tal-Għasri. Bħala apprezzament ta' tali vista' ġie rregalat lill-Kunsill frame b'disinn tal-ħarir ġewwa fih.

06.4.2 *Email* mingħand Joe M. Attard sabiex jistaqsi jekk il-*feature* bħal ma sar is-sena l-oħra għal żmien il-Milied hux ser isir, għall-prezz ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25). Il-Kunsilliera qablu unanimament li tali *feature* għandu jsir. Peress li din is-sena l-presepju ser isir ġewwa l-knisja, l-imsemmi *feature* għandu jintwera x'ħin ma jkunx hemm funzjonijiet għaddejin.

06.4.3 *Email* mingħand is-Sur Enzo Cachia tal-*Planning Authority* fejn fis-26 ta' Lulju 2021, il-Kunsill kien applika sabiex jirriserva l-fondi (GS/50014/21) relatata mal-iżvilupp tal-*playing field* Ġnien Kenn is-Salvatur sabiex jiġi vverifikat jekk dawn il-fondi għandhomx jinżammu għal dan il-proġett. Peress li tali proġett ġie ffinanzjat minn fondi oħra, għandha ssir komunikazzjoni mas-Sur Enzo Cachia sabiex tali fondi jibqgħu a disposizzjoni tal-Kunsill iżda jkunu jistgħu jintużaw fuq proġetti oħra.

06.4.4 *Email* mingħand is-Sur Kyle Borg bir-*write up* sabiex jkun jista' jiġbed il-video għall-attivitajiet li ser isiru fil-Milied ġewwa l-Għasri. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma din il-proposta.

06.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku li rċieva *email* mill-*Local Council Association* (Cir AKL 2024/070) rigward laqgħa għas-Sindki u attivita' ta' *Team Building*. Is-Sindku għandu jibgħat ir-risposta tiegħu.

06.4.6 *Email* datata 24 ta' Ottubru 2024 mingħand rappreżentanta tal-ALS sabiex tkun tista' tiġbor donazzjonijiet b'risq l-ALS Malta. Il-

Kunsilliera qablu li tali attivita' tista' ssir, jew fl-attivita' ta' Jum l-Għasri skedata għad-9 ta' Novembru 2024, jew wara xi attivita' oħra.

06.4.7 Peress li mal-attivita' ta' Jum l-Għasri tad-9 ta' Novembru 2024, ser issir ikla b'rabta mal-istess attivita' u għall-festa tar-raħal, il-Kunsilliera qablu li tali attivita' tkun issussidjata mill-Kunsill.

06.4.8 *Email* mingħand il-*Local Council Association* fejn nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru 2024, ser jittella' festin għat-tfal tal-membri tal-Kunsill.

06.4.9 *Email* mingħand ir-Reġjun ta' Għawdex fejn nhar il-Ħadd l-1 ta' Diċembru 2024, ser ikun hemm riċeviment għall-kunsilliera.

06.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li biex jingħataw it-tilqim tal-influenza, tal-PCV20 (Pneumoccocal Conjugate Vaccine) u tal-Covid dawn iridu jingħataw minn tabib u f'post adegwat. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat jekk jistgħux jingħataw minn post alternattiv u fin-nuqqas it-tilqim jingħata fil-Klinika tal-Gvern ġewwa r-Rabat Għawdex.

06.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għadda lill-kunsilliera l-kwotazzjoni ta' Jolene Samhan u l-band sabiex jieħdu sehem għall-attivita' ta' Traditions: Wine, Olive Oil & Honey 2025, li tammonta għas-somma ta' €1450. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' tali kwotazzjoni.

06.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li talab kwotazzjoni wkoll lil DJ Ġanni u li hemm diversi *bands* oħra li fil-jiem li ġejjin ser jibgħatilhom *email* rigward kwotazzjoni għall-attivita' Traditions: Wine, Olive Oil & Honey 2025.

06.4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għandu kont għall-*safety shoes* ta' ħaddiem. Il-Kunsilliera qablu unanimament li dan għandu jitħallas.

06.4.14 *Email* mir-Reġjun ta' Għawdex datata 30 ta' Ottubru 2024, li bija nforma li ser issir laqgħa Reġjonali dwar il-Fondi Ewropej nhar il-15 ta' Novembru 2024.

06.4.15 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fir-raħal hemm diversi bozoz fit-toroq li mhux jixgħelu. Wara li jsir ir-rapport mal-kuntrattur, xorta waħda tali bozoz mhux qed jiġu msewwija. Il-Kunsilliera qablu li għandha tintbagħat korrispondenza mar-Reġjun sabiex tiġi vverifikata r-raġuni għala tali mhux qed jiġu rranġati.

06.4.16 Is-Sindku rrimarka kienx hemm xi żviluppi rigward Triq Wied Sara. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li għad qed jistenna risposta uffiċċjali min-naħa tal-Ministeru u li wara komunikazzjoni li saret it-taħdidiet qegħdin fl-aħħar stadju.

06.4.17 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li għall-*fitness classes* qed jattendu numru sabiħ ta' nies u qed ikunu suċċess. Wara ħafna

riċerka għall-post adegwat sabiex isiru l-*fitness classes,* tali *classes* qed isiru fiċ-ċentru parokkjali tal-knisja, il-Kappillan talab li jkun hemm xi tip ta' ħlas talli qed jintuża ċ-ċentru. Il-kunsilliera qablu unanimament ma' dan.

**06.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

06.5.1 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nforma li jaf lil xi ħadd li jista' jagħmel brazzi għal fuq iz-zuntier tal-knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv informah sabiex iġib kwotazzjoni tax-xogħolijiet rikjesti.

06.5.2 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa lis-Sindku jekk il-proposta maċ-Cina huwiex proprju *twinning*. Is-Sindku rrimarka li għad ma hemm xejn, kull ma kien hemm forma ta' diskussjoni li 'l quddiem taf twassal għal *proper twinning*, dejjem skont sa fejn jista' jasal bħala Kunsill.

06.5.3 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa lis-Sindku dwar l-applikazzjoni PA05116/23 ta' Triq il-Knisja, jekk il-Kunsill kienx għamel oġġezzjoni peress li skont il-*Planning Authority* hija ODZ, u dana għall-fatt li f'laqgħa preċedenti (April 2023) li kienet saret mal-pubbliku kien ġie rrimarkat li l-applikazzjonijiet f'ODZ ser issir oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill kellu jagħmel oġġezzjonijiet għall-applikazzjonijiet ODZ ta' *sheep* farms u li għal tali applikazzjoni ma kienx hemm għalfejn issir oġġezzjoni peress li hija fi triq residenzjali.

06.5.4 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa dwar is-CCTV. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li tkellem ma' tal-Alberta u ġie nfurmat li min-naħa tagħhom qed jistennew li l-kuntrattur mqabbad minnhom ilesti t-toqob għall-arbli. Minħabba li ż-żmien relatat mal-iskema daqt jiskadi, s-Segretarju Eżekuttiv talab estensjoni sal-aħħar ta' Frar 2025.

06.5.5 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa minħabba l-armar ta' żmien il-Milied. Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir bħas-snin ta' qabel.

06.5.6 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa kemm huma l-fondi li għandu a disposizzjoni tiegħu l-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li fil-kont bankarju tal-Kunsill hemm madwar €270k.

**06.6 Attivitajiet Milied 2024;**

06.6.1 Il-Presepju din is-sena ser isir fil-knisja parrokjali.

06.6.2 Il-*play* tal-Milied ser issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2024 fis-7:00pm.

06.6.3 Nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru 2024 ser isir t-tqassim tar-rigali lit-tfal minn Santa Claus. Għal dan il-għan għandha tiġi kkuntatjata l-persuna li toffri tali servizz.

06.6.4 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nforma li kellmu grupp tal-Folklor sabiex jara tkunx tista' tittella' tali attivita'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li din is-sena l-Kunsill ma laħaqx applika għall-fondi relatati mal-attivitajiet tal-Milied.

**06.7 Materji Oħra;**

06.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa tkellem mal-Bord li kien maħtur għall-ingaġġ ta' vakanza ta' Skrivan/a fi Skala 15 mal-Kunsill Lokali tal-Għasri, u ġie maqbul li l-*interviews* għandhom isiru nhar is-Sibt 9 ta' Novembru 2024.

06.7.2 Xi residenti ta' Triq il-Fenek ġibdu l-attenzjoni għall-istat tat-triq u anke li hemm problema ta' *over-speeding*. Il-Kunsilliera qalu li tali triq m'ilhiex li ġiet irranġata u li minħabba l-*over-speeding* hemmhekk ma jistgħux isiru *sleeping police* jew *speed bumps.*

06.7.3 Resident fi Triq il-Fenek irrimarka li quddiem id-dar tiegħu hemm arblu u li meta tkun ix-xita qed jidħol l-ilma fir-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lir-resident li għandu jiġi vverifikat ta' liema entita' hu l-arblu u jikkomunika magħhom.

06.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-*sleeping police* fi Triq it-Tamar, ġew approvati minn Transport Malta u li bagħtu d-disinn bil-qisien ta' kif għandhom isiru l-i*sleeping police.* Tali *sleeping police* għandhom isiru mill-kuntrattur JRN.

06.7.5 Saret komunikazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv, fejn is-Sindku huwa mistieden jkellem lill-istaff u l-istudenti tas-6th Form ġewwa Għawdex. Huwa ġie nfurmat ukoll li s-Sindki tal-irħula l-oħra ser jagħtu xi ħaġa żgħira lill-istaff u lill-membri. Is-Sindku ser jattendi għal tali laqgħa u ser jingħata *voucher* ta' €10 lill-istaff u lill-istudenti.

06.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li minħabba r-Restawr tan-Niċċa ta' Triq Salvu Gambin kantuniera ma Triq il-Knisja, hemm bżonn li ssir applikazzjoni ġdida mal-Planning Authority. Huwa ġab l-istima mingħand il-perit inkarigat għal tali applikazzjoni u x-xogħol relatat li tammonta għas-somma ta' €1652. Il-Kunsilliera qablu ma tali kwotazzjoni u li l-perit jista' jissottometti tali applikazzjoni.

06.7.7 Skema numru SPI/SCI/8/2024 – Espressjoni ta' interess-Finanzjament Karnival 2025. Il-kunsilliera qablu li mhux ser issir applikazzjoni għal tali skema.

06.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-tiġdid tal-Karti tal-Identita' fir-raħal ser isiru nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru 2024 u t-Tlieta 12 ta' Novembru 2024 u li ser tittella' *post* fuq il-midja soċjali u li ser jitqassam *leaflet* ġo kull dar.

06.7.9 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nforma li qed tintalab li tiġi mwaħħla mera faċċata ta' Triq il-Knisja sabiex min ikun ġej minn Triq Salvu Gambin jara hux ġejja xi vettura minn Triq il-Knisja. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat fejn l-aħjar li titwaħħal u filkaż tali proposta tgħaddi lil ta' Transport Malta.

06.7.10 Għandha tiġi mitkellma persuna sabiex isiru t-toqob biex jitwaħħlu t-tabelli fit-toroq u anke f'Tal-Patroċinju, dan wara li jiġi vverifikat jekk hemmx xi servizzi għaddejjin minn taħt.

06.7.11 Il-Kunsillier Emanuel Mintoff irrimarka li meta tingħalaq Triq il-Wilġa qed ikun hemm problema biex jgħaddu l-karozzi u trukkijiet minn Triq Salvu Gambin. Għalhekk issuġġerixxa li meta jinħareġ permess biex tingħalaq Triq il-Wilġa; fi Triq Salvu Gambin għandhom jitwaħħlu *no parking signs* minn min ikun qed japplika biex tingħalaq Triq il-Wilġa.

06.7.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li llum kienet l-aħħar ġurnata tal-ħaddiem Spiru Farrugia, u li tkellem mal-persuni kkonċernati relatata mal-iskema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* pero' bħalissa ma hemmx ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jibdew jaħdmu mal-kunsill. Informa wkoll li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema *Community Inclusive Scheme* (SPI/SCI/6/2024) ma ġietx aċċettata.

06.7.13 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li hemm xi ħitan mwaqqgħin u jekk tagħmel ix-xita ssir aktar ħsara.

## 06.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

06.8.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-05 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 06.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

06.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2024.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**